V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż tal-iskadenza ta' ċerti miżuri antidumping

(2017/C 5/02)

B'referenza għall-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti ([1]), li warajha ma ġiet imressqa l-ebda talba għal riżami sostanzjata kif dovut, il-Kummissjoni tavża li l-miżura antidumping imsemmija hawn taħt se tiskadi.

Dan l-avviż huwa ppubblikat f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([2]).

Il-prodott	Il-pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Il-miżuri	Ir-referenza	Id-data ta' skadenza ([1])
Ċerti qfieli tal-azzar li ma jissaddadx u partijiet tagħhom	Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Il-Filippini It-Tajwan	Dazju antidumping	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti qfieli tal-azzar li ma jissaddadx u partijiet tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u t-Tajwan wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 5, 7.1.2012, p. 1), kif estiż għall-importazzjonijiet ikkunsinnati mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Filippini kif ukoll jekk le permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 205/2013 (ĠU L 68, 12.3.2013, p. 1).	8.1.2017

([1]) Il-miżura tiskadi f'nofsillejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

([1]) ĠU C 131, 14.4.2016, p. 5.
([2]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.